## KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ

### AGENDA NUMRU 32 – 19 ta' Mejju 2010

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' b' urgenza fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija u saret Agenda 32. Il-laqgha bdiet fis-6.30 ta' filghaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Dominic Cutajar | Viċi Sindku |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| | Rosario Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Mario Borg | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Prezenti ghal-laqgha kien hemm il-perit Godwin Agius in rapprezentanza tal-perit tal-Kunsill.

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti qal li kien beda x-xoghol fi triq il-Buskett mill-kuntrattur. Kien ippjanat li jsir gutter bil-konkoss fil-gnub u jinghata t-tarmac fuq dak ezistenti. Is-Sindku spjega li x-xoghol kien wieqaf minhabba li xi residenti gibdu l-attenzjoni li jekk toghla l-livell tat-triq dawn kienu ha jispiccaw taht il-livell tat-triq bil-konsegwenza li jidhlilhom l-ilma. Is-Sindku kompla jghid li Triq il-Buskett kienet se ssir minhabba l-pressjoni civika tar-residenti u minhabba li l-Kunsill kien sensittiv ghat-talbiet li sarulu.

1.2. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-istima inizjali tat-triq kienet tammonta ghal madwar €57,000 bil-contingencies. Huwa qal li sabiex jigi evitat il-problema tal-ilma riedet titqaxxar it-triq bil-konsegwenza li l-istima kienet se toghla b' tali mod li bilfors kellu bzonn l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex ikompli bix-xoghol.

1.3. Fis-6.50 p.m. il-Kunsill dahal fi stadju ta' kumitat sabiex il-perit Godwin Agius jispjega d-dettalji teknici tax-xoghol fi Triq il-Buskett.

1.4. Il-laqgha tkompliet fit-8.45 p.m.

1.5. Il-Kunsillier Joe Ciantar ikkummenta li kien qieghed jiehu gost li kulhadd kien qieghed japprezza li max-xoghol jinqalaw inkonvenjenti li jakkawzaw il-prezz li jitla'.

1.6. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni li tghid hekk; "Wara li sema' r-rapport tal-perit u ddiskuta bir-reqqa dan ir-rapport il-Kunsill Lokali jiddeciedi li fi triq il-Buskett isir it-tqaxxir kollu minn naha sa naha skond id-diskrezzjoni professjonali tal-perit tal-kunsill u wara dan jinghata wicc gdid ta' hot asphalt minn genb sa genb tat-triq bil-hxuna ta' 50mm." Huwa gie sekondat mill-Vici Sindku Dominic Cutajar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Emanuel Agius, Joe Ciantar, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata b' mod unanimu. (43)

1.7. Il-Vici Sindku Dominic Cutajar talab li jigi skuzat minhabba mpenji ohrajn. Huwa telaq fit-8 p.m.

1.8. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li apparti l-problema tal-mains tal-ilma fejn il-WSC kienet qed titlob €14,000 ghal bdil taghhom, issa kienet inqalghet problema ohra relatata ma triq il-Buskett. Huwa spjega kif r-residenti ta' din it-triq kienu minghajr is-servizz ta' sewage u kellhom jinqdew bil-fossa. Huwa qal li dawn ir-residenti xi sena qabel kienu rrikorew ghand il-WSC biex tikkunsidra taghmel dan ix-xoghol qabel ma ssir it-triq. Dawn ir-residenti issa qeghdin jaghmlu pressjoni biex ix-xoghol fuq it-triq ma jinbediex qabel isir is-sistema ta' sewage.

1.9. Il-Kunsillier Rosario Cortis qal li huwa kien tal-opinjoni li l-Kunsill jibda x-xoghol u ghalissa jaghmel biss fejn ma kienux se jghaddu l-kanen tas-sewage halli l-Kunsill juri li ghadu ntenzjonat li jaghmel dan ix-xoghol, ghax il-kunsill kien ilu wisq jippostponi dan ix-xoghol u l-kunsill kien qieghed jaqla' kritika kbira minghand in-nies.

1.10. Il-Kunsillier Joe Ciantar qal li wiehed ma jistax jinjora lin-nies u l-bzonnijiet taghhom.

1.11. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li kienet se ssir laqgha ma rapprezentanti tal-WSC u ghalhekk il-kunsill kellu jiddeciedi x' posizzjoni ha jiehu matul din il-laqgha. Huwa qal li fuq parir ta' Dr. Chris Said huwa diga kien ghazel li jirrifjuta li jhallas ghal bdil tal-mains u jibda xorta x-xoghol. Is-Sindku gie mistqosi jekk Dr. Said kienx bghattlu bil-miktub din id-direzzjoni u s-Sindku wiegeb li huwa kien qalu hekk waqt telefonata, izda kien ihoss li jista jafda s-serjeta ta' Dr. Said.

1.12. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf min huwa legalment resposnabli milli jaghmel is-sistema tas-sewage. Il-Kunsillier Rosario Cortis qal li legalment il-WSC kienet responsabli u aparti hekk il-kunsill fl-ebda mument ma jinghata fondi sabiex jaghmel dan it-tip ta' xoghol, allura l-Kunsill kellu jzomm il-posizzjoni li jirrifjuta li jhallas ghas-sistema ta' sewage f' din it-triq. Kien hemm qbil li l-Kunsill izomm din il-posizzjoni. Is-Sindku stieden lill-Vici Sindku u l-Kunsillier Rosario Cortis sabiex jattendu ghal din il-laqgha.

1.13. Il-Kunsillier Joe Ciantar ressaq suggeriment li jittiehdu minuti tal-laqgha mal-WSC u dawn jigu approvati miz-zewg nahat halli wara hadd ma jierga lura minn kliemu.

1.14. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li fi tmiem il-gimgha l-Kunsill kien se jospita t-tnehdija tal-ktieb 'Hidden Wisdom' tal-awtur Tim Wallace Murphy gewwa Villa San Filep. Huwa spjega li dan l-awtur kien se jinhareg jiekol mill-kunsill ghalhekk is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li se jkun qieghed jistiedinhom jippartecipaw ukoll.

1.15. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 1 ta' Gunju fis-6.30pm fuq talba tal-Kunsillier Emanuel Agius. Il-laqgħa spiċċat fl-8.40pm.

Alfred Grixti
Sindku

Christopher Formosa
Segretarju Eżekuttiv